MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 304/2012

**A B**
**vs**
**C B *sive* B D**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fil-21 ta' Dicembru 2012 li jaqra hekk:-

"Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta Awwissu 1996 u miz-zwieg taghhom twieldu tewmin ossia Angelo u James fit-18 ta Jannar 1997;

2. Illi huma ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' sentenza datata 8 ta Gunju 2011 tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja ppresjeduta mill-Imhallef Noel Cuschieri [Rik. Nru. 85/03NC];

3. Illi skont l-imsemmija sentenza l-attur gie ordnat jissomministra s-somma mensili ta mitejn u tmenin ewro (€280) bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri u s-somma mensili ta' mija u erbghin ewro (€140) bhala manteniment ghal martu;

4. Illi l-qaghda finanzjarja ta' l-attur tbiddlet radikalment b'tali mod li l-istess attur huwa finanzjarjament indigenti u jinsab fl-impossibilita li jhallas daqstant manteniment;

5. Illi l-introjtu tar-rikorrenti naqas konsiderevolment tant li sabiex ilahhaq mall-manteniment dovut minnu versu martu u wliedu huwa kellu jissellef minghand hutu u dan kif sejjer jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smigh tal-kawza;

6. Illi di piu' skont informazzjoni li kiseb ricentament ir-rikorrenti, martu ilha frelazzjoni stabbli mas-sieheb taghha tant li sahansitra tirrisjedi mieghu fil-propjeta' taghha ghal dawn l-ahhar snin;

7. Illi l-konvenuta rrifjutat li taghraf dawn ic-cirkustanzi li kien qieghed isib ruhhu fihom l-attur u baqghet tinsisti ghall-hlas tal-manteniment fl-intier tieghu;

8. Illi tant hu hekk li r-rikorrenti ttenta darbtejn proceduri ta' medjazzjoni ai termini ta l-Avviz Legali 397 ta l-2003, darba permezz ta' ittra pprezentata fit-18 ta' Lulju 2011 (Ittra Nru 870/11) u darb'ohra permezz ta' ittra pprezentata fis-6 ta ' Gunju 2012 (Ittra Nru 693/12) fejn il-mittenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja u tnaqqas il-manteniment dovut minnu;

9. Illi kif jidher mill-istess noti tal-medjatrici Erica Cutugno specjalment fin-nota datata 18 ta Ottubru 2011 fejn gie spjegat specifikament f'dan is-sens, l-process tal-medjazzjoni kellu jingha1aq stante li l-konvenuta ma attendiet ghall-ebda seduta tal-medjazzjoni;

10. Illi kien ghalhekk illi permezz tad-digrieti numri 1885/11 u 1891/12 bid-dati rispettivi taghhom 20 ta' Ottubru 2011 u 25 ta' Ottubru 2012, din l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-attur jipprocedi b'kawza;

11. Illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza u kienet propriju l-qaghda finanzjarja tieghu li ma hallitux jipprocedi qabel bil-kawza odjerna;

12. Illi dawn il-fatti kollha, r-rikorrenti jafhom huwa personalment;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara li hemm ragunijiet validi min-naha ta' l-attur, li jiggustifikaw is-sospensjoni, tnaqqis jew varjazzjoni tal-manteniment moghti lill-konvenuta kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha minuri;

2. Tissospendi, tnaqqas jew tvarja l-ghoti ta1-manteniment lill-konvenuta kemm ghaliha kif ukoll ghall-uliedha minuri skont dik is-somma li fl-opinjoni ta din l-Onorabbli Qorti tkun gusta u opportuna;

3. Tordna illi c-cessjoni jew varjazzjoni ta' l-obbligu ta' l-attur li jissomministra l-manteniment fis-somma mensili ta mija u erbghin ewro (€140) versu martu ai termini tas-sentenza msemmija ghandha topera retrospettivament mid-data li fiha l-konvenuta bdiet tghix mas-sieheb taghha fir-residenza taghha;

Bl-isepjjez legali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra hekk:

"A. Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ta' l-attur hija nulla u rritwali bi1li ma gietx preceduta minn digriet ta' awtorizzazzjoni ai termini ta' l-Avviz Legali 397/2003, u dan sa fejn l-istess azzjoni hija mibnija fuq l-allegata konvivenza ta' l-eccipjenti ma' terz.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ta' l-attur tista' biss tigi kkunsidrata abbazi ta' fatti li huma soppravvenjenti ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Gunju 2011, u fin-nuqqas tal-prova ta' dawn il-fatti soppravvenjenti, ghall-azzjoni attrici hemm l-ostakolu ta' res judicata. Illi bla pregudizzju ghall-premess, sa fejn l-azzjoni attrici hija mibnija fug l-allegata konvivenza ta' l-eccipjenti ma' terz, tali azzjoni hija irritwali u inattendibbli billi l-attur naqas milli jressaq it-talbiet appoziti kif ormai stabbilit mil-ligi u mill-gurisprudenza.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghal riduzzjoni jew varjazzjoni tal-manteniment, u lanqas ma hemm gustifikazzjoni ghall-waqfien tal-manteniment.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti mhijiex tikkonvivi ma' ragel iehor.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-eccipjenti m'ghandhiex mezzi biex tipprovdi ghall-ghixien taghha u ta' ulied il-kontendenti, u kien ghalhekk li l-attur gie ordnat ihallas manteniment ghaliha u ghal uliedhom.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija wahda frivola, vessatorja u temerarja, u tikkostitwixxi biss tentattiv biex l-attur jevadi l-obbligi tieghu versu martu u uliedu kif stabbiliti permezz tas-sentenza moghtija mill-

Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Gunju 2011.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafi tar-rikors mahluf ta' l-attur mhux kontestati.

Illi l-fatti dikjarati fir-raba' u fil-hames paragrafu tar-rikors mahluf ta' l-attur huma kontestati, billi l-attur huwa kapaci li jahdem u li jipprovdi l-manteniment ghall-martu u ghal uliedu, kif deciz mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2011, u kif se jirrizulta waqt is-smigh ta' din il-kawza,

Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors mahluf ta' l-attur huma kontestati.

Illi l-fatti dikjarati fis-seba', fit-tmien, fid-disa', fl-ghaxar u fil-hdax-il paragrafu tar-rikors rnahluf ta' l-attur huma kontestati, in kwantu l-esponenti naqset milli taghraf u taccetta l-pretensjonijiet ta' l-attur stante li l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza,

Illi ma jezistux ragunijiet li jiggustifikaw varjazzjoni fir-retta alimentari li l-attur gie ordnat ihallas mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2011.

Illi l-esponenti taf bil-fatti suesposti personalment.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2013 fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

Ikkonsidrat;

**It-Tieni Eccezzjoni**.

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha il-konvenuta eccepiet illi l-azzjoni ta' l-attur hija nulla u irritwali "billi ma gietx preceduta minn digriet ta' awtorizzazzjoni ai termini ta' l-Avviz Legali 397/2003, u dan sa fejn l-istess azzjoni hija mibnija fuq l-allegata konvivenza ta' l-eccipjenti ma' terz."

Waqt it-trattazzjoni gie sottolineat mill-Avukat tal-konvenuta illi d-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'kawza ma kienx jawtorizza lill-attur jipprocedi b'azzjoni ghall-waqfien tal-manteniment minhabba adulterju stante li fl-ittra ghall-medjazzjoni datata 6 ta' Gunju 2012[1] adulterju ma jissemmiex izda biss riduzzjoni fid-dhul filwaqt li waqfien tal-manteniment ma jissemmiex izda jissemma riduzzjoni fil-quantum tal-manteniment.

L-Avukat tal-attur issottomettiet illi gialadarba l-ittra ghall-medjazzjoni kienet tirreferi ghall-varjazzjoni tal-manteniment, l-awtorizzazzjoni kienet tkopri kull raguni relatata mal-manteniment. Inoltre l-ittra ma setghatx tinkludi referenza ghall-manteniment stante li sakemm saret dik l-ittra l-attur ma kienx ghadu jaf bl-adulterju minnu allegat.

Ikkunsidrat;

"Ir-**regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003** jistipula *inter alia* illi meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq "(b) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali" allura dik il-parti "ghandha fl-ewwel lok tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid <u>x'inhi t-talba taghha </u>li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu tar-regolament 4 u li tkun

---
[1] Fol. 5

ffirmata u tigi pprezentata skond m’hemm f’dik id-disposizzjoni”.

Fit-trattazzjoni taghhom l-Avukati tal-partijiet ghamlu referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta’ Lulju 2013 fl-ismijiet “**Louis Arpa vs Mary Arpa**” fejn giet iccitata b’approvazzjoni sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta:

“Regolament numru 9 in dizamina jirreferi ghal “bidliet f’kull haga regolata……..minn kuntratt ta’ firda personali”. Fil-fehma tal-Qorti il-manteniment pattwit bejn il-partijiet fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali jaqa’ fid-definizzjoni ta’ materja regolata minn kuntratt ta’ separazzjoni ta’ firda personali. Il-kelma “**ghandha**” ma thalli l-ebda lok ghal incertezza. Il-htiega tal-ittra sabiex jigu inizzjati l-proceduri ta’ medjazzjoni ma hiex fakoltativa izda mandatorja.

Kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza *in parte* moghtija fis-7 ta’ Dicembru 2010 fil-kawza **AB vs BC (Citaz nru 501/2007NC)**:-

“In propozitu l-Qorti tosserva li r-regolament [9] ta’ l-imsemmi Avviz Legali jirrendi applikabbli l-proceduri ta’ medjazzjoni wkoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali. Inkluz fost dawn il-kazijiet hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-kura u kustodja, access u manteniment, kif ukoll “[c] bidliet f’ kull haga regolata minn sentenza ta’ firda personali jew minn kuntratt ta’ firda personali.”[Reg.9[1][c]], u fl-istess sub-inciz ikompli jghid li l-parti ghandha “tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’ inhi t-talba taghha..”

Illi r-*ratio legis* ta’ din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe’ li meta tinqala’ kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk,

fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b’ mod generali bhala wahda ta’ firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, f’ dan il-kaz l-access favur il-missier, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.”

Fiz-zewg kawzi citati il-Qorti, filwaqt li d-dikjarat li li l-medjazzjoni f’cirkostanzi simili kienet mandatorja, irreferiet lill-partijiet ghall-medjazzjoni u issoprasjediet sakemm il-medjazzjoni tigi konkluza. In sostenn ta’ din il-linja ta’ hsieb fid-decizzjoni odjerna issir referenza ghal dak li kien gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Emmanuel Bonello et vs Edward Percy Larchin**” deciza fil-15 ta’ Dicembru 1945:

“Id-dover tal-gudikant huwa mhux semplicement dak li japplika l-ligi, imma anke dak li jara, minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x’inhija l-probabli intenzjoni tal-legislatur f’dawk ic-cirkostanzi, u li japplika l-ligi u jinterpretaha b’mod li jista’ jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra, biex l-applikazzjoni taghha ma tigiex ingusta.”

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta billi tiddikjara illi kien mehtieg li l-kawza odjerna tkun preceduta minn procedura ta’ medjazzjoni specifikatament fuq l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju u li minhabba f’hekk qed jitlob it-terminazzjoni tal-manteniment.

Ghaldaqstant tissospendi l-proceduri odjerni; tordna lill-attur sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem millum jistitwixxi l-proceduri ta’ medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici,

Tordna l-prosegwiment tal-kawza wara li l-proceduri ta’ medjazzjoni jkunu intemmu..

Spejjez ta' din is-sentenza *in parte* a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------